

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS  
 SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ  
 DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL  
 GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN  
 EUROOPA ÚHENDUSTE KOHUS  
 ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ  
 COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES  
 COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES  
 CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH  
 CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE  
 EIROPAS KOPENU TIESA



EUROPOS BENDRIJU TEISINGUMO TEISMAS  
 EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA  
 IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ  
 HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN  
 TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓŁNOT EUROPEJSKICH  
 TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS  
 SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTIEV  
 SODIŠĆE EVROPSKIH SKUPNOSTI  
 EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN  
 EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

## Stampa u Informazzjoni

### **INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 02/06**

10 ta' Jannar 2006

\* \* \*

### **MEMBRI ġODDA MAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

*Udjenza solenni ta' l-10 ta' Jannar 2006*

Permezz ta' deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-20 ta' Lulju 2005 u ta' l-14 ta' Ottubru 2005, Lars Bay Larsen u Eleanor V. E. Sharpston ġew maħtura rispettivament Mħallef u Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sas-6 ta' Ottubru 2009.

Lars Bay Larsen jidħol minflok Claus Christian Gulmann, li eżerċita l-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1991 sas-6 ta' Ottubru 1994 u dawk ta' Mħallef mis-7 ta' Ottubru 1994. Eleanor V. E. Sharpston tidħol minflok Francis Geoffrey Jacobs li eżerċita l-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1988.

Inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Jannar 2006, fl-okkażjoni tat-tluq ta' Francis Geoffrey Jacobs u ta' Claus Christian Gulmann kif ukoll tad-dħul fis-servizz ta' Lars Bay Larsen u ta' Eleanor V. E. Sharpston.

#### **Francis Geoffrey Jacobs**

Imwieded fl-1939; Barrister; Queen's Counsel; Uffiċjal mas-Segretarjat tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; *Référendaire* ma' l-Avukat Ġenerali J. -P. Warner ; Professur tad-Dritt Ewropew, Università ta' Londra; Direttur tas-Centre of European Law tal-King's College, Londra; Awtur ta' diversi xogħolijiet dwar id-Dritt Ewropew; Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1988.

## **Claus Christian Gulmann**

Imwiedel fl-1942; Uffiċjal mal-Ministeru tal-Ġustizzja; *Référendaire* ma' l-Imħallef Max Sørensen; Professur tad-Dritt Internazzjonali Pubbliku, u Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Kopenhagen; Avukat; President u Membru tat-Tribunali Arbitrali; Membru tal-Qorti ta' l-Appell Amministrattiva; Avukat Ġeneral mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1991 sas-6 ta' Ottubru 1994; Mħallef mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994.

## **Lars Bay Larsen**

Imwiedel fl-1953; Gradwat fix-Xjenza Politika (1976), Liċenzjat fid-Dritt (1983), Università ta' Kopenhagen; Uffiċjal tal-Ministeru tal-Ġustizzja (1983-1985); Konsulent tal-korsijiet (1984-1991), wara Assistent Professur (1991-1996) fid-Dritt tal-Familja fl-Università ta' Kopenhagen; Kap ta' Sezzjoni fl-Advokatsamfund (1985-1986); Kap ta' Dipartiment (1986-1991) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; ammess fl-Avukatura (1991); Kap ta' Diviżjoni (1991-1995), Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija (1995-1999), Kap tad-Dipartiment Ġuridiku (2000-2003) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Rappreżentant tad-Danimarka fil-Kumitat K-4 (1995-2000), fil-Groupe central de Schengen (1996-1998) u fil-Europol Management Board (1998-2000) l-Mħallef mal-Højesteret (2003-2006).

## **Eleanor V. E. Sharpston**

Imwielda fl-1955; studji fl-ekonomija, fil-lingwi u fid-Dritt fil-King's College, Cambridge (1973-1977); Assistenta u Riċerkatriċi mal-Corpus Christi College, Oxford (1977-1980); ammessa fl-Avukatura (Middle Temple 1980); Barrister (1980-1987 u 1990-2005); *Référendaire* ma' l-Avukat Ġeneral, wara Mħallef Sir Gordon Lynn (1987-1990); Professur tad-Dritt Ewropew u tad-Dritt Komparativ (Director of Legal European Studies) mal-University College London (1990-1992); Professur (Lecturer) fil-Fakultà tal-Liġi (1992-1998), wara Assistenta Professur (Affiliated Lecturer) (1998-2005) fl-Università ta' Cambridge; Fellow of King's College Cambridge (mill-1992); Assistenta Professur u Riċerkatriċi (Senior Research Fellow) mas-Centre for European Legal Studies fl-Università ta' Cambridge (1998-2005); Queen's Counsel (1999); Bencher of Middle Temple (2005).

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355 Faks: (00352) 4303 2731*

*Filmati ta' l-udjenza solenni huma disponibbli fuq EbS "Europe by Satellite",  
servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,  
Direzzjoni Ġeneral ta' l-Istampa u Komunikazzjoni  
L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177 Fax: (00352) 4301 35249  
jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106 Fax: (0032) 2 2965956*